MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 920/2009

Michael Attard Limited (C32362).

Vs

Patrick John Quigley (Id. 15314A).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ elf, erba mija u disa ewro u sitta u hamsin centezmu (€1,409.56) minghand il-konvenut, rapprezentanti import ta’ sitt kambjali skaduti, accettati u ffirmati mill-konvenut. Bl-ispejjes u bl-imghax legali ulterjuri mid-data ta’ l-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra n-nota tas-socjeta' attrici fejn gie dikjarat illi s-sorte gie mhallas mill-konvenut fil-mori tal-kawza.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas tal-imghax u tal-ispejjes tal-kawza tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-imghax kif mitluba fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------